KULLEĠĠ SAN INJAZJU
Sekondarji Subien / Bniet, tal-Ħandaq, Ħal Qormi
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014**

**LIVELLI 4 - 5**

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

| Il-Marki | L-Udit u l-Qari | It-Taħdit | Is-Smigħ | Il-Kitba | Il-Proġett | It-Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ___ 15 | ___ 15 | ___ 20 | ___ 40 | ___ 10 | ___ 100 |

**L-isem u l-kunjom: ______________________**

**Il-klassi: ______**

| A. Fehim mill-Qari | 4 marki |
|---|---|

**Aqra l-istorja li ġejja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Fix-xitwa



**Aqra din is-silta:**

Fix-xitwa aħna mmorru nduru fil-kampanja. Kultant immorru wkoll f'xi ġnien sabiħ. Il-mama tlesti l-ħobż u l-frott. Ġieli l-mamà **tħejji** xi torta biex neħduha magħna. Il-papà jġib miegħu l-kamera tar-ritratti u l-gazzetta. Jien u oħti nġibu r-rota u l-ballun. Ħafna drabi nieħdu magħna r-radju wkoll. **(par. 1)**

Meta tagħmel ix-xita jew ikun ħafna bard aħna **ningħalqu ġewwa**. Noqogħdu d-dar naraw it-televixin. Inkella nilagħbu xi logħba ludo jew nivvintaw xi logħba ġdida. Il-kuġini ġieli jiġu għandna u nieħdu gost flimkien. Fix-xitwa dejjem norqdu kmieni għaliex filgħodu nkunu rridu nqumu għall-iskola. **(par. 2)**

**1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

a) *Par. 1* – Fix-xitwa din il-familja tmur iddur

(il-Belt, l-Imdina, fil-kampanja). (nofs marka)

b) *Par. 1* – ***tħejji*** tfisser

(tarmi, tlesti, tiekol). (nofs marka)

ċ) *Par. 2* – ***ningħalqu ġewwa*** tfisser

(noħorġu, ma noħorġux, ma nitkellmux). (nofs marka)

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt.**

a) X'jieħu miegħu l-papà meta jkunu ħa joħorġu? *par. 1*

________________________________________ (nofs marka)

b) X'jaraw meta joqogħdu d-dar?. *par. 2*

________________________________________ (nofs marka)

ċ) X'logħba jilagħbu meta ma joħorġux? *par. 2*

________________________________________ (nofs marka)

d) Għaliex fix-xitwa jorqdu kmieni? *par. 2*

________________________________________ (marka)

| B. Il-Grammatika | 6 marki |
|---|---|

1. Kompli dawn il-kelmiet billi timla l-vojt bil-vokali. (2 marki)






(a) b___r (b) k___tl___ (ċ) sk___l___ (d) ħ___m___m___

2. Ikteb l-artiklu quddiem dawn in-nomi. (2 marki)






(a) ____ bieb (b) ___ ċwievet (ċ) ____ għaġin (d) ____istudenti

**3. Ikteb il-kelma nieqsa billi tħares lejn l-istampi. (marka)**

Rita ħarġet iddur bir-_________  s-Sibt filgħodu. Hi rat raġel jisraq għand tal-ħanut.

Rita ċemplet malajr lill- ___________________. 

**4. Xi jħobbu jagħmlu dawn? (marka)**



(a) Marjo ***jiġri*** kull filgħodu.

(b) Sara ______ kuljum qabel ix-xogħol.



(ċ) Marija ***torqod*** fit-tmienja.

(d) Huma ___________ fl-għaxra.



| **Ċ. Il-Letteratura** | **10 marki** |
|---|---|

**1. Poeżija: Aqta' linja taħt it-tajba: (4 marki)**

a. Fil-poeżija ***"San Franġisk u l-Gamiem",*** il-qaddis jiltaqa' ma' tfajjel li f'idu kellu gaġġa bi ftit sriedaq. (VERU / FALZ)

b. Fil-poeżija ***"Il-Kebbies tal-Fanali",*** ta' kull filgħaxija Majsi kien imur jaħmi l-ħobż. (VERU / FALZ)

ċ. Skont il-poeżija ***"Tifħira lil Malta"*** l-lariġ u l-frawli ta' Malta huma l-itjeb fid-dinja. (VERU / FALZ)

d. Fil-poeżija ***"Raħal Twelidi"*** il-poeta jixtieq ibiddel raħal twelidu għax huwa żgħir wisq. (VERU / FALZ)

**2. Il-Proża:** **(6 marki)**

**A. <u>Zito Zandarell</u> ta' Carmel G. Cauchi**

**Imla l-vojt billi tagħżel u tikteb l-isem mill-kaxxa.**

| | | |
|---|---|---|
| **Doris** | **aħdar** | **Paul** |
| **Spikey** | **Zito Zandarell** | **Melissa** |

1. Oħt Stefan = ___________________

2. Il-kelb li induna b'Zito = ___________________

3. Il-mama Debono = ___________________

4. Kien tifel aljen mill-pjaneta Terrapaċis = ________________________

5. Il-papà Debono = ___________________

6. Kulur li joħroġ minn id Zito. ___________________

| | |
|---|---|
| **D. Il-Kitba** | **20 marka** |

**1. Il-ġimgħa l-oħra, Tina marret tiekol barra. Imla l-vojt b'dawn:**
(5 marki)

| |
|---|
| Ikla tajba – familja - kilt - ġobon - nofs siegħa |

Tina: Mort niekol barra ġo restorant mal-__________tiegħi.

Mari: X'kien jismu r-restorant?

Tina: ___________________.

Mari: X'________ tajjeb?

Tina: Pizza Margerita.

Mari: Kif kienet il-pizza?

Tina: Tajba ħafna u mimlija ________.

Mari: Kemm domtu tistennew l-ikel?

Tina: _________________.



2. **Semmi ħames oġġetti fl-istampa, iktibhom u mmarkahom bi vleġġa. Ara l-eżempju.** **(5 marki)**




3. **Ikteb GĦAXAR (10) sentenzi jew paragrafu biex toħloq storja fuq dawn l-istampi. Tista' tuża l-kliem tal-kaxxa u l-mistoqsijiet biex jgħinuk.**

(10 marki)



1. X'qiegħda tagħmel il-mara?
2. Fejn marret tonxor?
3. Xi ħwejjeġ qiegħda tonxor?
4. X'għamlet kif lestiet?
5. X'taħseb li ser tagħmel issa?

| |
|---|
| ħwejjeġ, bitħa, qalziet, kalzetti, tidħol, dar |

**Tmiem il-karta**